**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 359/2017 CFF**

**Ufficjali Mediku Ewlieni tal-Gvern u s-Segretarju Parlamentari tas-Sahha**
**Vs**
**Maria Carmela Attard**

**Illum 7 ta' Lulju, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Maria Carmela Attard ai termini tal-artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn esponiet:

1. Illi l-esponenti giet notifikata b'ittra ufficjali surreferita, li permezz taghha l-Ufficjali Mediku Ewlieni tal-Gvern u s-Segretarju Parlamenti tas-Sahha interpellaw lill-esponenti sabiex thallas is-somma ta' elfejn, sebgha mija, tnejn u disghin ewro u hamsin centezmu (€2,792.50) rapprezentanti allegati hlasijiet zejda ta' sahra mid-Dipartiment tas-Sahha;

2. Illi t-talba kontenuta fl-ittra ufficjali prezentata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bin-numru 2757/17 hija infondnata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda ammont ma huwa dovut;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq l-Ufficjali Mediku Ewlieni tal-Gvern u s-Segretarju Parlamenti tas-Sahha li jgibu prova dwar l-ammont riklamat, liema ammont huwa kkontestat;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, u ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti a tenur tal-artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba tal-Ufficjali Mediku Ewlieni tal-Gvern u s-Segretarju Parlamentari tas-Sahha u tiddikjara t-talba bhala wahda infondata u dan previa kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra li lilha jkun jidhrilha xieraq u opportune.

Bl-ispejjez kontra l-intimati Ufficjali Mediku Ewlieni tal-Gvern u s-Segretarju Parlamentari tas-Sahha.

**Claudio Tonna**, kien Chief of Staff fil-Ministeru tas-Sahha u Maria Carmela Attard kienet tahde fis-Segretarjat. Huwa dam bhala Chief of Staff minn Marzu, 2013 sa Awwissu tal-istess sena. Fil-fatt, kien hu li ghamlilha l-interview u ghazilha sabiex tahdem bhala customer care fil-Ministeru. Jispjega li bhala Ministeru tas-Sahha, dan id-dipartiment kien jircievi bosa lmenti mill-pubbliku, liema lmenti kienu jigu milqugha mill-customer care representatives li kienu jwiegbu t-telefonati tan-nies. Maria Carmela Attard kienet parti minn "pool" ta' bejn tmienja u disgha ohra minn nies li kienu jwiegbu t-telefonati. Sussegwenti dawn it-telefonati, is-superjuri ta' dawn il-customer care representatives kienu jmexxu l-ilmenti skont il-htiega. Jikkonferma li l-overtime li kienu jiehdu l-impjegati tal-customer care ma kienx jirrifletti l-ammonti reali ta' sieghat li hadmu, stante li fil-verita' kienu jinhadmu hafna iktar sieghat. Claudio Tonna kien japprova bosta mill-pagamenti ghall-overtime, izda fejn jidhol l-istaff personali tal-istess Claudio Tonna, kien ikun il-Financial Controller tal-Ministeru li kien jaghti l-ahhar daqqa. Jispjega li l-flus li nghataw lil dawn in-nies rapprezentanti parti mill-overtime li hadmu, qed jintalbu lura meta l-Financial Controller stess kienet qalet lil Claudio Tonna li din kienet prassi ghal zmien twil u sahansitra tawh persentagg li jista' jaghti lil dawn in-nies. Fil-kuntratt kien hemm stipulat li seta' jaghti l-overtime, u hu qatt ma ta izjed minn kif kien stipulat. Kien hemm min accetta li jaghmel l-overtime u kien hemm min ippreferi jitlaq fil-hin. Jispjega li hadd ma nfurmah li ma setax jaghti overtime.

**Claudio Tonna** rega' xehed fid-9 ta' April, 2019, fejn ikkonferma li bejn Marzu 2013 u Lulju, 2014 huwa kien Chief of Staff fil-Ministeru tas-Sahha. Jikkonferma li Maria Carmela Attard kienet impjegata fis-Segretarjat tal-Ministeru u kienet tahdem fuq bazi full-time. Jispjega li sakemm jaf hu, il-customer care officers kellhom jahdmu mit-8:00 a.m. sat-3:00 p.m. Jghid li bhala hinijiet, hu kien jitlaq ghal habta tal-hdax u nofs, jew nofs il-lejl, u l-impjegati tal-customer care ma kienux jaqghu direttament tahtu. Pero' gieli ra l-haddiema tal-customer care jitilqu fit-8:00 p.m. Jerga' jikkonferma li rigward l-overtime, hadd qatt ma avzah jekk seta' jew ma setax ihallas l-overtime u dan ghaliex kien ihalli f'idejn il-Financial Controllers. Huwa bhala l-imghallem taghhom kien jemmen li la darba mara tad-dar titlaq fis-7:00 a.m. u terga' tidhol fit-8:00 p.m. din kellha tinghata xi tip ta' kumpens.

Rat **ir-risposta tal-Ufficjal Mediku Ewlieni tal-Gvern** et fejn espona:

a. Illi l-ammont indikat fl-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) huwa dovuti mill-intimata stante li dan kien hlas illi sar bi zball u l-istess kienet konsapevoli ta' dan, stante illi l-istess pagament sar bi ksur ta' kuntratt iffirmat mill-intimata stess;

b. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, dana l-overpayment huwa car u jista' jigi ppruvat u kienet l-intimata nnifisha li approprjat ruhha mill-ammont meta kienet ben konsapevoli li ma kienx dovut lilha;

Ghaldaqstant, l-intimat umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi l-eccezzjonijiet tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u joghgobha tordna lill-esponenti thallas l-ammont dovut a tenur tal-istess Artikolu tal-Ligi.

Bl-ispejjez.

**Maria Carmela sive Marica Attard**, kienet tahdem bhala customer care officer gewwa l-Ministeru tas-Sahha mis-27 ta' Marzu, 2013 sal-11 ta' Gunju, 2014. Tispjega li dak iz-zmien il-Ministru Godfrey Farrugia kien ta ordni li l-customer care tinfetah mit-8 a.m. sas-7 p.m. u peress li bhala staff kienu 5, kienu jiehdu shift ta' gurnata fil-gimgha kull wiehed. Ghalhekk, kuljum persuna kienet tibqa' sat-8:00 p.m. u l-ohrajn jitilqu fit-3:30 p.m. Dr. Christian Zammit li kien Chief of Staff f'dan iz-zmien, jista' jikkonferma dan kollu. Meta l-Ministru Godfrey Farrugia rrizenja, is-sezzjoni ta' Maria Carmela Attard waqghet that is-segretarjat ta' Dr. Chris Fearne u minn dawk l-istaff ta' hamsa bhala customer care officers, hi biss baqghet. Ghalhekk, l-haddiema li kien jibghat Dr. Chris Fearne kienu bla esperjenza u kellhom jigu mghalma minn l-istess Maria Carmela Attard. Ghal habta ta' Marzu/April, giet avvicinata minn Rennie Mercieca li dak iz-zmien kien Chief of Staff ta' Dr. Konrad Mizzi u nfurmaha li l-customer care kellu jibqa' miftuh bhalma kien qabel, cioe' mit-8:00 a.m. sas-7:00 p.m. Iz-zewg haddiema godda li kienu jahdmu maghha, kienu jahdmu fuq bazi part-time u ghalhekk kienu jitilqu fis-1:00 p.m. u kien ikollha tibqa' hi kuljum sas-7:00 p.m. xoghol. Ghal habta tas-6:00 p.m. kienu jghaddu Rennie Mercieca u Joe Abdilla li kien fis-segretarjat ta' Dr. Konrad Mizzi u kienu jaraw lil Maria Carmela Attard tahdem ta' customer care officer f'dawk il-hinijiet. Hi gharfithom li kienet qed tkun difficli ghaliha bhala mara tad-dar, li tahdem kuljum sas-7:00 p.m. Hija kienet qed tahdem hdax-il siegha kuljum mit-Tnejn sal-Gimgha li jirrizulta li kienet qed tahdem madwar 55 siegha fil-gimgha minflok 40 siegha. Maria Carmela Attard kienet tiffirma attendance sheet x'hin tidhol u x'hin tohrog, liema attendance sheet kien jiffirmaha c-Chief of Staff u sussegwentement kienet tghaddi ghand is-Salaries Department li kellhom struzzjonijiet bil-miktub ta' x'ghandhom ihallsu u x'ma ghandhomx. Ghas-sieghat zejda li kienet tahdem, hija kienet tithallas daqs li kieku overtime. Darba fost l-ohrajn, Emelyn Fenech li ghamlet zmien bhala Acting Chief of Staff avvicinat lil Maria Carmela Attard u nfurmatha li hija ma kienitx ghadha tghamel parti mis-segretarjat stante li s-segretarju parlamentari Dr. Chris Fearne kien gab l-istaff tieghu, u li ghalhekk Maria Carmela Attard kienet ghadha tghamel parti mill-istaff ta' Godfrey Farrugia. Ghalhekk Emelyn Fenech tatha transfer u giet trasferita ghall-Environmental Health Directorate. Madwar sena wara, irceviet karta li kellha tirritorna l-ammont ta' €2,700 lill-MInisteru tas-Sahha liema ammont kienu jirrapprezentaw is-sieghat ta' overtime li hadmet biex il-customer care jibqa' miftuh. Dawn il-flus setghu jithallsu b'rati mensili. Tispjega li din l-ordni m'hijiex gusta stante li s-sieghat sabiex il-customer care jibqa' miftuh, hadmithom u kienet

intitolata ghalihom. Lanqas kienu tiehu sick leave jew vacation leave stante li ma kien hemm hadd li seta' jbidlilha.

**Dr. Christian Zammit**, kien Chief of Staff tal-Ministeru tas-Sahha fl-ahhar jiena tas-sena 2013 sal-ahhar ta' Marzu, 2014 u dana wara li rrizenja l-Ministru Godfrey Farrugia. Huwa ghamel xahrejn ohra bhala Head of Secretariat waqt hand over minni Ministru ghal iehor ghax kien gie appuntat Segretarju Parlamenti Dr. Chris Fearne. Jghid li jaf lil Maria Carmela Attard maghrufa bhala Marica bhala customer care officer li keinet tahdem fil-Ministeru. Jidhirlu li l-istaff kien jidhol xoghol ghal habta tas-7:00 a.m. jew 7:30 p.m. u kienu jahdmu sa tard fl-ghaxija, sa madwar is-7:30 p.m. Jispjega illi dak iz-zmien, il-Ministru Godfrey Farrugia hass li l-customer care office kellu jibqa' miftuh sa tard fl-ghaxija u dan minhabba l-fatt li bhala Ministeru, kien jircievi ammont sostanzjali ta' lmenti minghand il-publiku. Rigward il-mod ta' kif kien jithallas l-overtime, Dr. Christian Zammit jispjega li dan ma kienx jidhol fih hu stante li hu bhala Chief of Staff kien "a politicial appointee" u overtime kien jaqa' fid-direttorat tal-Human Resources u Accounts. Ftit gimghat wara li kien appuntat bhala Chief of Staff, kien gie Godfrey Farrugia agitat u nfurmah li kellu diversi haddiema li kienu qed jhedduh li se jitilqu stante li ma kienux qed jithallsu ghall-overtime. Dr. Christian Zammit irreferi din il-problema lil Jacqueline Camilleri li kienet id-Direttur Generali tal-Finanzi. Wara ftit gimghat ta' dan l-akkadut, Dr. Christian Zammit rega' kellem lil Jacqueline Camilleri fejn din qaltlu li se jibda jkollu formula fejn il-haddiema jnizlu s-sieghat li hadmu u hu irid japprova dawn il-hinijiet. Sussegwentement, din il-formola tghaddi lura l-ufficju tal-Accounts. Dr. Christian Zammit ma kellux problema jghamel dan. Jikkonferma li Maria Carmela Attard kienet tahdem sieghat twal u ghalhekk approvalha l-hinijiet ta' overtime.

**Rennie Mercieca**, kien Ministru co-ordinator fi hdan il-Ministeru ta' Dr. Konrad Mizzi bejn Marzu 2013 u Lulju, 2014. L-involviment tieghu mal-Ministru tas-Sahha beda minn meta spicca bhala Ministru Godfrey Farrugia u ha f'idejh il-Ministeru tas-Sahha, Dr. Konrad Mizzi. L-irwol tieghu kien li jorganizza l-customer care sabiex jiehdu hsieb li ilestu l-kazijiet kollha li kienu akkumulaw, kif ukoll jaghtu handover. Dawn il-kazijiet ma setghux jitlestaw kollha f'gurnata tal-hin normali stante li kien hemm akkumulazzjoni kbira ta' kazijiet. Jispjega li la darba dan ix-xoghol ma setax isir f'gurnata tal-hin normali, ix-xoghol kellu jsir wara l-hin ukoll. Maria Carmela Attard hija wahda minn dawn l-

impjegati li kienet tibqa' xoghol anke wara l-hin normali. Rennie Mercieca jikkonferma li Maria Carmela Attard hadmithom dawk is-sieghat kollha.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Maria Carmela Attard u tal-Ufficjal Mediku Ewlieni tal-Gvern u s-Segretarju Permanenti tas-Sahha.

Rat li permezz ta' digriet tal-Prim Imhallef datata 16 ta' Dicembru, 2019, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif presjeduta.

**Ikkunsidrat:**

Illi waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza saret referenza ampja ghall-kawza numru 135/2017 *Ufficjal Mediku Ewlieni tal-Gvern et vs Angelo Briffa*, sentenza li ormaj giet deciza mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili (Inferjuri) fit-12 ta' Gunju 2020.

Illi r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha taghmel referenza wkoll ghal sentenza li hija relatata mal-kawza odjerna numru 137/2017 *Ufficjal Mediku Ewlieni tal-Gvern et vs Cassar Mario,* deciza mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili (Inferjuri) fit-12 ta' Gunju 2020.

Illi l-Qorti ser taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, numru 135/2017 fl-ismijiet *Ufficjal Mediku Ewlieni tal-Gvern et vs Angelo Briffa* deciza, 11 ta' Lulju 2019, meta l-Qorti qalet hekk, u se tikkwota *in extenso*;

*Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-procedura kontemplata mill-Artikolu 466 tal-Kap. 12 giet introdotta u hija intiza sabiex tiffacilita l-process ta' gbir ta' krediti dovuti lid-dipartimenti tal-Gvern u lill-entitajiet maghquda li jkunu mwaqqfa mil-ligi bil-ghan evidenti illi jitnaqqsu l-ispejjez u d-dewmien marbutin ma' proceduri gudizzjarji ordinarji. Din il-procedura tesigi li d-debitur jigi notifikat, permezz ta' att gudizzjarju, b'dikjarazzjoni guramentata tal-kap tad-Dipartiment kreditur, liema att gudizzjarju, jekk ma jigix kontestat skont kif tipprovdi l-ligi, ikollu l-istess effett bhal sentenza finali tal-qorti kompetenti.*

*Izda, biex id-dipartiment jew korp ikkoncernat ikun jista' jipprevalixxi ruhu minn din il-procedura, jehtieg li jigu osservati numru ta' rekwiziti elenkati fiddispozizzjonijiet tal-Artikolu 466(1) li jipprovdi hekk:-*

*466. (1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita birrappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak iddebitu jkun dovut.*

*Ghandu jinghad illi l-procedura kontemplata fl-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12, billi huwa mezz eccezzjonali ghall-gbir ta' krediti u tapplika biss ghall-kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern u entitajiet ohrajn specifikati fl-imsemmi disposizzjoni tal-ligi, hija wahda specjali u bhala tali ghandha tinghata tifsira stretta u tigi segwita ad letteram fl-applikazzjoni taghha. Multo magis meta wiehed jikkunsidra illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 466 ikun qed jitqassar sostanzjalment il-mezz li jwassal ghall-otteniment ta' titolu ezekuttiv u dan bittnehhija tal-htiega li tigi segwita l-procedura kontenzjuza ordinarja ghall-gbir talkrediti. Ghalhekk, biex jigi assigurat illi ma jigux mittiefsa d-drittijiet tad-debitur li jikkontesta effettivament il-pretensjoni tal-kap tad-Dipartiment relattiv, jenhtieg kawtela kbira fl-uzu ta' din il-procedura.*

*Wara kollox, kif inhuwa pacifiku fl-ordinament guridiku taghna, il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u bhala tali ir-regoli procedurali jehtiegu li jigu osservati rigorozament u ad unguem.*

*Il-korollarju ta' dawn il-konsiderazzjonijiet huwa, inevitabbilment, illi l-Qorti hija prekluza milli taghti effett lil procediment specjali f'cirkostanzi fejn irrekwiziti stipolati espressament mil-ligi evidentement m'humiex sodisfatti. B'applikazzjoni ghall-kaz odjern, dan ifisser*

*sabiex id-Dipartiment ikkoncernat jista' jagixxi skont il-procedura specjali taht l-Artikolu 466 tal-Kap. 12, ghandhom jigu sodisfatti minghajr eccezzjoni, il-kriterji kollha elenkati fiddisposizzjoni fuq citata, u konsegwentement ix-xorta tad-debitu li jkun qed jigi pretiz mill-kap tad-Dipartiment in kwistjoni, trid taqa' strettament f'wahda millkategoriji ta' dejn imfissra fis-subinciz (1) tal-Artikolu 466. Il-Qorti hija talfehma illi din il-procedura ma tistax, ghalhekk, issib applikazzjoni ghal kwalunkwe xorta ta' dejn pretiz mill-Gvern izda biss ghal dawk id-debiti elenkati kategorikament fis-subinciz (1) tal-Artikolu 466, cioe` dejn dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti lill-Gvern. Kwindi l-htiega li l-kap tad-Dipartiment jfisser fid-dikjarazzjoni guramentata, ix-xorta tad-dejn pretiz mid-Dipartiment tieghu.*

*Hawnhekk tinsorgi inevitabbilment id-domanda: kif jista' hlas zejjed ta' sahra lil impjegat tal-Gvern, jinkwadra bhala dejn dovut lill-Gvern meta huwa evidenti illi f'dan il-kaz il-Gvern ma ta ebda servizz jew provvista lill-allegat debitur u lanqas ma tista' l-pretensjoni in kwistjoni titqies bhala penali, kumpens, dritt jew taxxa dovuta lill-Gvern. F'dan il-kaz l-intimati agixxew ghal rifuzjoni ta' ammont allegatament imhallas zejjed, u kwindi l-azzjoni taghhom mhijiex ghall-gbir ta' dejn fis-sens imfisser mill-Artikolu in dizamina, izda hija wahda ta' indebiti solutio kif ravvizata fl-Artikoli 1021 u 1022 tal-Kodici Civili.*

*L-azzjoni indebiti solutio hija mahsuba biex kull min jircievi sew xjentement jew bi zball, haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili u lanqas naturali, ghandu jroddha lil dak li minn ghandu jkun irceviha bla jedd. Inoltre kull min billi jahseb, bi zball, li hu debitur ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur. L-oggett ta' din l-azzjoni hija r-restituzzjoni tal-hlas indebitu, cioe` ta' dak li gie mhallas meta fil-verita`, ma kellux jinghata.*

*Kif gie ritenut in materja*

*, il-ligi taghti din l-azzjoni ghar-radd tal-hlas mhux misthoqq:-*
*"… mhux biss meta kull ma thallas ma kienx misthoqq izda wkoll ghalkemm, meta hemm xi hlas ikun misthoqq, ikun thallas zejjed illi kien misthoqq u jekk jigri hekk min hallas jista' jfittex ghar-radd ta' zejjed imhallas".*

*Intqal ukoll in propositu illi:-*

*"id-dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li huwa hallas bhala indebitu hu fondat fuq ilprincipju kbir ta' ekwita' li ma tippermettix li wiehed jirrikixxi ruhu b'dannu ta' ghajru".*

*Il-Qorti tifhem illi l-fattispecje tal-pretensjoni kif impostata mill-intimati fl-att gudizzjarju notifikat lir-rikorrent ("hlasijiet zejda ta' sahra mid-Diartiment tasSahha"), jikkonfiguraw perfettament fil-parametri tal-azzjoni indebiti solutio, u dan huwa rikonoxxut anke mill-istess intimati fir-Risposta taghhom ghar-rikors promotur, fejn fissru t-talba taghhom ghar-rifuzjoni tas-somma mitluba, bhala "hlas illi kien sar bi zball" lir-rikorrent.*

*Kif inghad, il-procedura eccezzjonali taht l-Artikolu 466 tehtieg applikazzjoni stretta u ma tistax tintuza biex jingabru djun ohrajn li ma jaqghux fil-parametri katergorici tal-Artikolu 466(1), u peress illi f'dan il-kaz huwa evidenti li l-pretensjoni ma tinkwadrax fit-termini tal-istess Artikolu, il-Qorti tqis illi lintimati ma setghux fic-cirkostanzi, jipprevalixxu ruhhom mill-imsemmija procedura specjali biex jigbru l-ammont li qed jippretendu li huma hallsu indebitament lir-rikorrent. Huma kellhom minflok, jipprocedi fil-kontenzjuz bilprocediment ordinarju sabiex il-qorti tiddetermina l-ezistenza o meno tal-jedd talindebiti solutio kif pretiz mill-intimati.*

*Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li peress illi l-procedura li biha mxew l-intimati ma hijiex siewja ghaliex ma saritx in ottemperanza mar-rekwiziti sostantivi tal-istess Artikolu, ma tistax ghalhekk, fi kwalsiasi kaz, tipproduci l-effett mahsub middispozizzjonijiet tal-Artikolu 466(2), cioe` l-effett ta' gudikat kwantu ghallammont dikjarat fid-dikjarazzjoni guramentata. Konsegwentement, maghmula u mfassla b'dan il-mod, id-dikjarazzjoni guramentata u t-talba relattiva notifikati lir-rikorrenti bl-att gudizzjarju tat-28 ta' April 2017, ma jiswewx ghall-finijiet tal-Artikolu 466.*

*Il-Qorti hija tal-fehma li tista' tieqaf hawn ghaliex ma tistax, fic-cirkostanzi, tinvesti l-fondatezza o meno tat-talba fil-mertu. Dan jista' jsir biss mill-qorti kompetenti f'procediment ordinarju."*

Din is-sentenza giet konfermata *in toto* mill-Qorti ta' l-Appell, fit-12 ta' Gunju 2020, u fuq l-istess binarji u principji legali giet ukoll deciza u ikkonfermata s-sentenza, *Ufficjal Mediku Ewlieni tal-Gvern et vs Cassar Mario,* deciza mill-Qorti tal-Appell, Sede Civili (Inferjuri) fit-12 ta' Gunju 2020.

Illi l-kawza odjerna hija relatata strettament u hija ta' l-istess xorta bhall-kawzi hawn fuq citati ibbazata wkoll fuq fatti relattivament simili, ghalhekk l-Qorti certament li ma tistax tinjora dawn id-decizjonijiet. Din il-Qorti, taqbel perfettament mar-ragunament ta' din il-Qorti diversament ippreseduta[1] u a skans ta' ripetizzjoni, taghmel referenza shiha ghal dak kollu li nghad mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fis-sentenza li ghadha kemm giet ikkwotata estensivament.

**Decide:**
**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi d-dikjarazzjoni guramentata notifikata lir-rikorrenti Maria Carmela Attard bl-att gudizzjarju tad-29 ta' Novembru 2017,ipprezentata a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hija bla effett u konsegwentement hija wkoll infondata t-talba hekk dedotta, u f'dan is-sens biss tilqa' t-talba tar-rikorrenti fir-rikors promutur, b'kull rizerva ghal kull dritt t'azzjoni ohra spettanti lill-intimati kontra r-rikorrenti ghar-rifuzjoni tal-ammont pretiz.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**

[1] Kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Civili, Inferjuri)